MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 785/2008

**Avukat Dr. Henri Mizzi (numru tal-karta ta' l-identita 143465M) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta estera DAMKJAER INTERNATIONAL A/S (numru ta' reġistrazzjoni 18033070)**

**v.**

**Robert Damkjaer (Malta) Limited (C30652)**

**<u>Rikors ta' l-avukat Dr Henri Mizzi nomine ai termini ta' l-artikoli 214(2)(a)(ii) u/jew 214(2)(b)(iii), u l-artikolu 228 tal-kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta prezentat fl-1 ta' Awwissu 2008.</u>**

Ir-rikorrent nomine jippremetta:

**1. *Locus Standi***

1.1 Ir-rikorrent nomine hu azzjonista ta’ 50% fis-soċjeta intimata u qiegħed iressaq dan ir-rikors in forza tad-dritt mogħti lilu skond il-*proviso* għall-artikolu 218(1) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**2. *Il-bażi tat-talba fil-qosor***

2.1 Ir-rikorrent nomine qiegħed jitlob ix-xoljiment tas-soċjeta intimata għaliex:

2.1.1 is-soċjeta intimata ma tistax tħallas id-djun tagħha u dan skond l-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta’ Malta; u/jew

2.1.2 hemm raġunijiet li, skond hu, huma gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tas-soċjeta intimata u dan skond l-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**3. Is-soċjeta intimata mhix f’qagħda li tħallas id-djun tagħha**

3.1 Is-soċjeta intimata hija debitriċi tas-soċjeta rikorrenti fis-somma ta’ DKK781.760.11 ekwivalenti għal cirka €104,832.64 flimkien ma l-interessi fuq l-istess. Kif ser jiġi spjegat fil-mori ta’ dawn il-proċeduri, dan l-ammont jirrappreżenta materja prima li s-soċjeta rikorrenti kkonsennjat lis-soċjeta li tagħha qiegħed jintalab l-istralċ sabiex din timmanifattura l-istess. Ser jiġi ppruvat ukoll illi *nonostante* diversi tentattivi sabiex isir dan il-ħlas, dan l-ammont baqa’ ma tħallasx mis-soċjeta intimata.

3.2 In oltre, is-soċjeta intimata hija wkoll debitriċi ta’ soċjeta oħra, mhix parti f’dawn il-proċeduri, u cioe is-soċjeta estera Robert Damkjaer A/S li, aġixxiet bħala garanti fuq self magħmul lis-soċjeta intimata minn bank Daniż bl-isem Nordea Bank Danmark A/S. Is-soċjeta

intimata fil-fatt naqset milli tħallas l-ammont annwali mitlub mill-imsemmi bank u s-soċjeta Daniża, li hija garanti fuq dan is-self flimkien ma l-IPSE, kellha tagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas. Kif ser jiġi aktar ampjament spjegat fil-mori ta' dawn il-proċeduri, is-soċjeta Robert Damkjaer A/S ħallset is-somma ta' €14,808.70. Għal darb' oħra, nonostante diversi ntimazzjonijiet sabiex is-soċjeta intimata tonora l-obbligi tagħha fil-konfront tal-bank daniż, inkluż ittra mingħand l-avukat tas-soċjeta Robert Damkjaer A/S (kopja annessa u mmarkata dokument "HM1"), din baqgħet inadempjenti.

3.3 Jirriżulta finalment illi s-soċjeta intimata mhix f'qagħda li tħallas id-djun tagħha u dan kif ukoll jirriżulta mill-audited accounts tal-kumpannija għas-snin 2004 u 2005 annessi ma dan ir-rikors u mmarkati rispettivament dokumenti "HM2" u "HM3". Dawn huma l-aħħar audited accounts li jirriżulta li ġew ippreżentati l-MFSA (l-accounts għas-snin ta' wara ma ġewx ippreżentati) u kif jidher fiż-żewġ settijiet ta' accounts, il-passiv jeċċedi l-attiv passiv b'tali mod li l-artikolu 214(5) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta jinsab sodisfatt.

**4. Hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment**

4.1 Kif ser jiġi aktar dettaljatament ippruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri, hemm raġunijiet gravi biżżejjed sabiex is-soċjeta intimata tiġi xolta. Kif diġa spjegat is-soċjeta rikorrenti hija azzjonista għal 50% ta' l-ishma fis-soċjeta intimata.

4.2 Is-soċjeta intimata hija bbażata f'Malta u kienet titmexxa prinċipalment mill-azzjonisti u diretturi Maltin u bosta drabi b'esklużjoni ta' l-azzjonisti u d-diretturi Daniżi.

4.3 Kif diġa ġie aċċennat fil-bidu ta' dan ir-rikors, il-ħlasijiet lil din is-soċjeta azzjonista rikorrenti tal-provvisti li kienet tagħmel baqa' ma sarx mis-soċjeta intimata, u dan mingħajr ebda spejgazzjoni *nonostante* li kien evidentement dovut.

4.4 *Nonostante* dan id-dejn tas-soċjeta intimata mar-rikorrenti u potenzjalment ma terzi, is-soċjeta intimata baqgħet tinnegozja bi ksur ta' l-arranġamenti eżistenti mas-soċjeta rikorrenti u wkoll bi preġudizzju potenzjali għal responsabbilita personali tad-diretturi fuq il-Bord. Kien għalhekk iż-żewġ diretturi danizi, Paul Erik Damkjaer u Karsten Kusch ma kienx għad baqagħlhom għażla oħra li jirriżenjaw u dan sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom.

4.5 Jingħad ulterjorment illi ġew intavolati sensiela ta' mandati ta' inibizzjonijiet u kawżi mill-azzjonisti kontra l-azzjonisti danizi b'tali mod li dawn komplew kissru r-relazzjoni bejn l-azzjonisti u d-diretturi.

4.6 Dan kollu wassal sabiex tkissru irrimedjabbilment ir-relazzjonijiet bejn l-azzjonisti u d-diretturi fis-soċjeta intimata. Fi ħdan is-soċjeta intimata llum ma jistax ikun hemm ebda qbil dwar it-tmexxija tan-negozju, hemm diverġenzi sostanzjali bejn l-azzjonisti u l-ex diretturi b'tali mod li fi kwalunkwe deċiżjoni li jeħtieġ tittieħed jirriżulta *deadlock.* Illum l-ex-diretturi daniżi u d-diretturi Maltin ma jitkellmux bejniethom ħlief tramite l-avukati rispettivi tagħhom. Din is-sitwazzjoni ilha hekk għal dawn l-aħħar madwar sentejn. Dan kollu ser jiġi ppruvat f'aktar dettall fil-mori ta' dawn il-proċeduri sabiex jiġi ppruvat illi hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment tas-soċjeta intimata.

## 5. Konklużjoni

Għaldaqstant, ir-rikorrenti nomine jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, jogħġobha

5.1 Sabiex ai termini ta' l-artikolu 228 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta u qabel ma tagħmel l-ordni ta' stralċ kif mitlub fil-paragrafi 5.2, taħtar persuna idoneja bħala amministatur proviżorju għas-soċjeta intimata u tagħtieh dawk il-poteri u funzjonijiet (eżerċitabbli flimkien jew individwalment) li jidrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi, inkluż kull

poter u funzjoni li normalment jeżerċitaw id-diretturi tas-soċjeta intimata (ad esklużjoni ta' l-istess diretturi); u

5.2 Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta intimata għandha tiġi xolta u konsegwentement stralċjata u dan stante illi:

5.2.1 is-soċjeta intimata ma tistax tħallas id-djun tagħha ai termini ta' l-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta; u/jew

5.2.2 hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpannija intimata u dan ai termini ta' l-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Risposta ta' Robert Damkjaer (Malta) Limited (C30652) prezentata fid-9 ta' Settembru 2008.**

Illi l-kumpanija intimata qieghda tikkontesta il-gurisdizzjoni sabiex tisma t-talbiet attrici billi tezisti klawsola arbitrali u tippremetti ghalhekk li l-eccezzjonijiet taghha u l–presentazzjoni ta' din in-nota hija kompletament minghajr pregudizzju ghall-klawsola arbitrali.

Eccezzjonijiet :

1. Fl-ewwel lok din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex l-gurisdizzjoni biex tisma u tiddeciedi din il-kawza u dan b'effett tal-klawsola numru 18 tal-Partnership Agreement tas-26 ta' Marzu 2002 li jaqra kif gej:-

*"All disputes arising from or in connection with this agreement, which cannot be settled amicable between the partners shall be finally settled by Arbitration under the rules of Conciliation and Arbitration of the International Chamber of Commerce by one or more Arbitrators appointed by the said rules, and judgement upon the Award rendered by the arbitrators may be rendered in any Court of Competent Jurisdiction. The site of Arbitration shall be Malta, or such other place as the Partners may unanimously agree. The language of the proceedings (including documentation) shall be English."*

2. Fit-tieni lok ghandhom jigu kjamati in kawza l-azzjonisti l-ohra tal-kumpanija billi fin-nuqqas taghhom il-gudizzju ma jistghax ikun integru;

3. Fit-tielet lok illi l-istat odjern tal-kumapnija huwa tort tal-agir doluz tar-rikorrenti li ghandhom jaghmlu tajjeb lill-kumpanija u l-azzjonisti taghha ghad-danni li soffrew. Fil-mertu ghandu jinghad l-kumpanija ghandha potenzjal qalli li gie mxejjen mill-agir tar-rikorrenti f'din il-kawza li qed jaghmlu minn kollox biex jaghlquha ghall-iskopijiet taghhom.

4. Illi fir-raba' lok, bla pregudizzju ghas-suespost ghandu jigi rilevat li hemm pendenti bejn l-azzjonisti tal-kumpanija kawza skond l-artikolu 402 tal-Att dwar il-kumpaniji permezz ta' liema l-azzjonisti Maltin qeghdin jitolbu rimedju kontra l-agir oppressiv tal-azzjonisti; jidher li din il-kawza saret espressament biex tirrendi kull decizjoni fil-kawza pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili diversament presjeduta, inutli: Illi stante li d-decizjoni f'dik il-kawza ser ikollha effett fuq il-fatti kif ser jirrizultaw f'din il-kawza, u billi effettivement hemm zewg Qrati li qieghdin jissindikaw mertu kwazi identiku din il-kawza ghandha tintbaghat sabiex tigi mismugha kontestwalment mal-kawza <u>Ikebana Holdings et vs Mizzi Dr. Henri noe, rikors numru 854/2007RCP, differita ghall- 27/11/2008.</u>

5. Illi r-rikorrenti ma humiex kredituri tal-kumpanija billi kienu ntrabtu li jhallu "working capital" lill-kumpanija u fi kwalsiasi kaz ikkawzaw danni lill-kumpanija.

6. Illi f'sitwazzjoni fejn tirrizulta nuqqas ta' qbil bejn l-azzjonisti x-xoljiment tal-kumpanija ma hijiex bilfors l-ahjar triq li wiehed ghandu jsegwi u tenut kont l-agir tar-rikorrenti ma hijiex t-triq gusta u/jew korretta.

7. Dwar it-talba ghal amministratur provizorju dan ma huwiex mehtieg u l-posizzjoni tal-azzjonisti kollha ghandu jigi salvagwardjat bin-nomina ta' Direttur indipendenti kif gia ntalab mill-azzjonisti Maltin fil-kawza premess numru 854/2007RCP.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**.

1. Dawn huma proceduri biex tigi xjolta l-kumpannija Robert Damkjaer (Malta) Limited (C30652). Kumpannija li fiha l-azzjonisti huma Ikebana (Holdings) Limited, Mark Ellul Sullivan, Caroline Hayes u Damkjaer International A/S.

Skond l-istatut tal-kumpannija, l-ghan tal-kumpannija hu:-

***"To manufacture and/or process chicken meat sausages and by-products"***.

Il-ftehim, li sar qabel il-kumpannija giet registrata, kien li Robert Damkjaer (Malta) LImited ser timmanifatura u tbiegh lokalment zalzett tat-tigieg. Il-materja prima kellu jinghata lilha minn Robert Damkjaer International A/S. Sar ukoll ftehim li bih CSMR (1994) Limited, kumpannija ohra tal-familja Ellul Sullivan, li bih inghatat l-esklussivita biex tbiegh *Chicken Frankfurter Sausages* u *Chicken Luncheon Sausages* li timmanifatura Robert Damkjaer (Malta) Limited.

2. Permezz ta' decizjoni li nghatat fil-15 ta' Marzu 2011 nghatat decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni, tieni eccezzjoni u tielet eccezzjoni. Il-qorti kienet ordnat in-notifika tal-azzjonisti. Mill-atti jirrizulta li l-azzjonisti Maltin kienu gew notifikati (ara riferti a fol. 165 u fol. 168).

3. Waqt is-smiegh tal-kawza **Mark Ellul Sullivan et vs Dr Henri Mizzi nomine** (Rikors 689/2011) li qeghda tinstema' minn din il-qorti, Mark Ellul Sullivan ddikjara li Robert Damkjaer (Malta) Limited kienet waqfet in-negozju tant li ma kellix iktar impjegati (seduta tad-29 ta' Ottubru 2012).

4. F'dan l-istadju m'hemmx htiega li l-qorti toqghod tindaga tort ta' min il-kumpannija tinsab fl-istat li hi. L-ezercizzju li trid taghmel hu li tara jekk jezistux ic-cirkostanzi kontemplati mil-ligi biex il-kumpannija tigi xjolta.

5. M’hemmx dubju li r-relazzjonijiet bejn l-azzjonisti u d-diretturi kkrollaw ghal kollox. Sahansitra hemm kawzi pendenti:-

i. **Mark Ellul Sullivan et vs Dr Henri Mizzi nomine** (Rikors 689/2011) prezentata fl-20 ta’ Lulju 2011.
ii. **CSMR (1994) Limited et vs Dr Henri Mizzi nomine** (Rikors 337/2007) prezentata fit-23 ta’ Marzu 2007.
iii. **Dr Henri Mizzi nomine vs Robert Damkjaer (Malta) Limited** (Rikors 1336/2007).

Fis-seduta tal-14 ta’ Ottubru 2011 Mark Ellul Sullivan stess xehed li :-

*‘Nista’ nikkonferma li r-relazzjoni bejna u l-kumpannija estera m’huma tajbin xejn; fil-fatt ghandna kawzi ohra pendenti fil-qorti. L-uniku kuntatt li ghandna llum il-gurnata hu permezz ta’ l-avukat ghal skopijiet ta’ proceduri gudizzjarji.’*[1].

Jidher li d-dizgwid inqala’ meta :-

i. Damkjaer International A/S bdiet tinsisti li kellha tithallas ghall-materjal li kkonsenjat lil Robert Damkjaer (Malta) Limited skond il-ftehim ta’ shubjija (*partnership agreement*) iffirmat fis-26 ta’ Marzu 2002. B’dan il-ftehim il-kumpannija estera obbligat ruhha *‘….to deliver to the JVC* (Robert Damkjaer (Malta) Limited) *all forms of raw materials, appliances, seasoning and packaging, which the JVC cannot buy at a competitive price and in sufficient quantities from other parties.’*.

Il-kumpannija estera invokat l-Artikolu 14 li, fost’affarijiet ohra, jipprovdi li jkun hemm ksur tal-kuntratt fejn *“...the JVC has not, within 30 working days of receiving a written demand for payment, paid overdue invoices for goods delivered and services supplied in full”*. B’ittra legali datata

[1] Fil-kawza 854/2007 Mark Ellul Sullivan kien xehed (seduta tas-17 ta’ Marzu 2009): “*qed nigi mistoqsi dwar x'relazzjoni ghandi llum ma paul eric damkjaer u carston kutsch. Nghid illi llum ma nitkellmux. Nikkonferma illi mil-lat ta' negozju ma hemm l-ebda relazzjoni bejnietna. Illum ma baqalix kuntatt maghhom*.”.

26 ta’ Frar 2007 (fol. 192) il-kumpannija intimata giet interpellata thallas DKK781,760.11 u li fin-nuqqas ser jigi tterminat il-ftehim.

Il-qorti qeghda tifhem li l-hlas baqa’ qatt ma sar. Fil-fatt permezz ta’ ittra legali ohra datata 12 ta’ April 2007 ir-rikorrenti infurmat lill-intimata li gialadarba l-hlas baqa ma sarx, *‘For this reason, and on the basis of clause 14 of the Partnerhsip Agreement, our clients are hereby cancelling the Partnership Agreement and reserving their full rights at law to recover the sum due.’* (fol. 195).

ii. Kwistjoni ohra kien dwar l-uzu ta’ trademark Dany minn Robert Damkjaer (Malta) Limited. Din il-kumpannija bdiet tallega li qeghda tintuza din it-trademark ghall-bejgh ta’ zalzett tat-tigieg bl-uzu ta’ materja prima li kienet qeghda takkwista minghand terzi. F’ittra legali datata 12 ta’ April 2007 mibghuta ghan-nom ta’ Robert Damkjaer Limited, jinghad: *“For this reason you are hereby being formally solicited to (i) withdraw from the market any products branded with the trademark Dany and which have not been produced from raw materials supplied by Damkjaer International A/S and (ii) further refrain from using the captioned trademark for any of the products produced by Robert Damkjaer (Malta) Limited.”* (fol. 193).

Sahansitra jirrizulta li Robert Damkjaer (Malta) Limited kienet talbet biex Robert Damkjaer Limited tigi inibita milli tbiegh f’Malta prodotti bil-marka DANY. Talba li giet michuda b’digriet tat-18 ta’ Lulju 2007 li nghatat fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni (numru 1003/2007) fl-ismijiet **Robert Damkjaer (Malta) Limited vs Dr Henri Mizzi nomine**.

6. Jirrizulta li s-shareholding hu maqsum ugwalment bejn l-azzjonisti Maltin u dawk barranin. Relazzjoni ta’ fiducja u integrita bejn l-azzjonisti hi essenzjali biex in-negozju tal-kumpannija jkun success, u biex ir-relazzjoni tkompli. Meta l-partijiet jibdew jaghmlu allegazzjonijiet kontra xulxin u sahansitra jinbdew proceduri civili, is-sens komuni jghidlek li hu difficli li tkompli r-relazzjoni bejniethom.

Qabel Karsten Kusch u Poul Erik Damkjaer irrizenjaw minn diretturi, fil-5 ta' Marzu 2007, kien hemm zewg diretturi Maltin u zewg diretturi barranin. Fil-fatt dan l-arrangament kien kontemplat ukoll fis-*shareolder's agreement* li kien gie ffirmat fis-26 ta' Marzu 2002 bejn Mark Ellul Sullivan u Damkjaer International.

Ir-riferenza li ghamlet ir-rikorrenti ghall-kaz ***Yenidje Tobacco Company Limited***, hu floku:

*"Refusal to meet on matters of business, continued quarrelling, and such a state of animosity as precludes all reasonable hope of reconciliation and friendly co-operation have been held sufficient to justify a dissolution. It is not necessary, in order to induce the Court to interfere, to show personal rudeness on the part of one partner or the other, or eveny any gross misconduct as a partner. All that is necessary is to satisfy the Court that it is impossible for the partners to place that confidence in each other which each has a right to expect........"*.

Id-dizgwid li nqala' wassal biex Damkjaer International A/S ma tibqax tforni materja prima lil Robert Damkjaer (Malta) Limited. Robert Damkjaer Limited, is-sid tat-trademark DANY, tallega li l-kumpannija intimata xorta baqghet timmanifatura l-prodott b'materja prima li kienet qeghda tixtri minghand terzi u taghmel uzu mit-*trademark* DANY. Irrispettivament ta' x'inhi l-verita, hu evidenti li sfaxxa l-ghan li ghalih twaqqfet il-kumpannija. Il-kumpannija giet registrata ghall-ghan specifiku. Sahansitra b'digriet moghti fl-atti tar-rikors numru:- 1040/2007 **Avukat Dr Henri Mizzi nomine vs Robert Damkjaer (Malta) Limited et**[2], il-qorti ordnat lill-intimati biex ma jinqdewx bil-marka DANY fuq il-prodotti taghhom. Il-qorti ordnat ukoll li jinqabdu l-prodotti tal-intimati li ghandhom tali marka u li ghandhom best before date wara l-1 ta' April 2007. Jirrizulta li t-talba saret taht l-Artikolu 6 tal-Kap. 488[3]. Il-kwistjonijiet interni u nuqqas ta'

[2] Digriet tat-23 ta' Novembru 2007 (ara fol. 324 tal-atti 854/2007RCP).
[3] *Enforcement of Intellectual Property Rights (Regulation) Act*.

fiducja bejn l-imsehbin, ipparilizzaw lill-kumpannija. Il-qorti taqbel mat-tezi tar-rikorrenti li din is-sitwazzjoni ta' *deadlock* hi raguni gravi bizzejjed biex tigi xjolta l-kumpannija. Ghalkemm jirrizulta li wara r-rizenja taz-zewg diretturi barranin minn fuq il-Bord il-qorti hatret lill-avukat Dr Ian Vella Galea[4], jibqa' l-fatt li hemm dizgwid bejn l-azzjonisti. Fil-laqgha generali, il-poter tal-vot hu maqsum bejn iz-zewg gruppi, u m'hemm l-ebda tama li dan id-*deadlock* jigi rizolt, ghajr b'ordni ta' xoljiment. Il-kumpannija ma tistax tibqa' topera, u sahansitra Mark Ellul Sullivan stess ikkonferma li dan l-ahhar in-negozju waqaf ghal kollox. Dan ifisser li bhalissa l-kumpannija hi *dormant*. Fl-antagonizmu li jezisti bejn il-partijiet, ix-xoljiment tal-kumpannija hu l-uniku rimedju li fadal. Fil-fatt ma gie propost l-ebda rimedju alternattiv. Hu evidenti li l-partijiet ikkoncernati kienu ddecidew li jaghmlu partnership u tawh forma b'kumpannija. Fl-arrangament kien mistenni li l-affarijiet tal-kumpannija jitmexxew fi spirtu ta' hbiberija u koperazzjoni ghall-beneficcju komuni ta' dawk involuti. M'huwiex aktar possibbli li z-zewg partijiet ikomplu jahdmu flimkien ghall-gid komuni. L-istat ta' animosita' li ilu jirrenja ghal diversi snin tipprekludi li ssehh xi rikonciljazzjoni u li l-affarijiet tal-kumpannija jitmexxew f'ambjent ta' serenita' u koperazzjoni. Dak li kien inizjalment mahsub li jsehh bil-konkluzjoni tal-ftehim varji li gew iffirmati, ma jistax jigi iktar miksub. Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti hi gustifikata.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-**

**1. Tiddikjara li m'hemmx iktar lok li tinghata decizjoni dwar l-ewwel talba.**

**2. Peress li l-qorti hi sodisfatta li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement stralc tal-kumpannija (Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Att dwar il-Kumpanniji), tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna x-xoljiment tal-kumpannija Robert Damkjaer (Malta) Limited (C30652) b'sehh mil-lum.**

---

[4] Ara sentenza **Ikebana Limited et vs Dr Henri Mizzi nomine** (854/2007) tat-28 ta' Ottubru 2012, fejn il-qorti awtorizzat ukoll lil Robert Damkjaer (Malta) Limited biex tibda proceduri gudizzjarji, inkluzi proceduri ta' arbitragg, kontra Damkjaer International Limited u jekk ikun il-kaz Robert Damkjaer Limited.

**3. Tinnomina lill-Ufficjal Ricevitur (Dr Kevan Azzopardi) bhala stralcarju tal-kumpannija Robert Damkjaer (Malta) Limited, bis-setghat u dmirijiet kif definiti fil-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, li jinkludu:-**

**a. wara li jikseb dikjarazzjoni fuq il-qagħda tas-soċjetà intimata kif irid l-art. 226 tal-Kap. 386, jagħmel rapport lill-qorti;**
**b. jagħmel verifika dwar l-assi u d-djun tas-soċjetà intimata, u dwar il-gradwazzjoni tad-djun;**
**c. jieħu taħt il-kustodja tiegħu jew il-kontroll tiegħu l-assi kollha tas-soċjetà intimata kif trid il-ligi;**
**d. jagħmel jew jiddefendi kull azzjoni jew proċedimenti legali oħra fl-isem u fl-interess tas-soċjetà intimata;**
**e. jirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' l-assi tas-soċjetà intimata.**
**L-istralċjarju għandu jippreżenta r-rapport tiegħu mhux aktar tard minn hames (5) xhur millum.**

**Spejjez ta' din id-decizjoni jibqghu bla taxxa.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------